Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0132(COD)

29.4.2021

EMENDI
38 - 281

Abbozz ta' rapport
Jorge Buxadé Villalba
(PE597.620v03-00)

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818

Proposta emendata għal regolament
COM (2020)0614 – C8-0179/2016 – 2016/0132(COD)

Emenda 38
Malin Björk

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 39
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn ***illegali*** u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818	Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn ***irregolari*** u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818

Or. en

Emenda 40
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4a) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. ***Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati Membri jridu jwettqu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, u biex dawn l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw billi huma ma jistgħux japplikaw l-istess għodod għal persuni żbarkati wara tali operazzjonijiet bħal dawk għal qsim irregolari bl-art jew bl-ajru, huwa meħtieġ ukoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac.***	(4a) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 41
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4a) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati	(4a) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati

Membri jridu jwettqu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, ***u biex dawn l-Istati Membri*** jiġu ***megħjuna fl-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw billi huma ma jistgħux japplikaw l-istess għodod għal*** persuni żbarkati wara ***tali operazzjonijiet bħal dawk għal qsim irregolari bl-art jew bl-ajru, huwa meħtieġ ukoll*** li ***ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija*** u ***salvataġġ*** jiġu ***rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac.***	Membri jridu jwettqu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, ***huwa meħtieġ ukoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ*** jiġu ***rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac. Sabiex tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kundizzjoni ta' vulnerabbiltà partikolari ta' persuni żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ u biex jiġi applikat b'mod effettiv l-obbligu tal-Istati Membri li jwettqu valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà xierqa, inklużi ċirkostanzi speċifiċi tal-iżbark u b'kont meħud tas-saħħa fiżika u mentali tal-persuni żbarkati, għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji addizzjonali qabel ma wieħed jipproċedi għal kwalunkwe ġbir, ipproċessar u trażmissjoni ta' data bijometrika;***
	Or. en

Emenda 42
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4a) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati Membri jridu jwettqu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, u biex dawn l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw billi huma ma jistgħux japplikaw l-istess għodod għal persuni żbarkati wara tali operazzjonijiet bħal dawk għal qsim	(4a) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati Membri jridu jwettqu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, u biex dawn l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw billi huma ma jistgħux japplikaw l-istess għodod għal persuni żbarkati wara tali operazzjonijiet bħal dawk għal qsim

irregolari bl-art jew bl-ajru, huwa meħtieġ ukoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac.	***illegali*** bl-art jew bl-ajru, huwa meħtieġ ukoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac.

Or. nl

Emenda 43
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4b) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] huwa meħtieġ li jiġi indikat jekk, wara kontrolli ta' sigurtà matul l-iskrinjar, jidhirx li persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 44
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4b) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] huwa meħtieġ li jiġi indikat jekk, wara kontrolli ta' sigurtà matul l-iskrinjar, jidhirx li persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 45
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4b) "Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] huwa meħtieġ li jiġi indikat jekk, wara kontrolli ta' sigurtà matul l-iskrinjar, jidhirx li persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 46
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4ba (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4ba) Din il-proposta għandha titqies bħala pass lejn bażi tad-data meħtieġa tad-DNA sabiex tiġi stabbilita b'mod inekwivoku l-identità tal-migranti.

Or. nl

Emenda 47
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4bb (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4bb) Anke funzjonament xieraq tal-

Eurodac fiċ-ċirkostanzi attwali mhuwiex biżżejjed biex jikkontrolla flussi migratorji prinċipalment illegali. Diversi artikli fl-istampa jindikaw li hija prattika komuni għal ħafna persuni li jfittxu l-ażil li jbiddlu intenzjonalment il-marki tas-swaba' tagħhom billi, pereżempju, jaħarqu subgħajhom jew jillixxawhom. B'dan il-mod, il-marki tas-swaba' fil-fajls tad-data jsiru inutli. [1a]

1a

https://www.theguardian.com/world/2011/oct/07/dublin-regulation-european-asylum-seekers. https://www.trouw.nl/nieuws/meer-kans-op-asiel-vijl-je-vinger-wat-af~b812f87c

Or. nl

Emenda 48
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4bc (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4bc) Minbarra din il-mutilazzjoni intenzjonali, il-marki tas-swaba' jsiru wkoll inqas preċiżi minħabba l-proċess ta' tixjiħ tal-ġilda. L-elastiċità tal-ġilda tonqos, it-truf isiru aktar ibsin, il-ponta tas-saba' ssir irqaq. Il-kwalità tal-marki tas-swaba' għalhekk tiddeterjora. [1a]

1a

https://www.scientificamerican.com/article/lose-your-fingerprints/

Or. nl

Emenda 49
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4bd (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi, kif ukoll ir-rappreżentanti u l-organizzazzjonijiet ta' interess tagħhom, huma obbligati li jaġixxu f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-rekwiżit. F'każ ta' prova ta' frodi, il-frodaturi għandhom jitilfu d-drittijiet sostantivi u proċedurali preżenti u futuri relatati mal-ażil, il-migrazzjoni, ir-residenza, ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-kisba taċ-ċittadinanza, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-liġi kriminali mill-Istat Membru kkonċernat.

Or. nl

Emenda 50
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) "Huwa meħtieġ ukoll li ***jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament*** ta' dik is-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25] u 2019/818[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	(5a) "Huwa meħtieġ ukoll li ***l-funzjonament*** ta' dik is-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25] u 2019/818[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament attwali f'konformità mar-Regolament 2016/679 dwar il-Protezzjoni Ġenerali tad-Data u b'mod partikolari l-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-limitazzjoni tal-iskop. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet ċari li bihom l-awtoritajiet nazzjonali maħtura tal-Istati Membri kif ukoll il-korpi tal-Unjoni li***

għandhom aċċess għall-Eurodac, ikunu jistgħu jaraw biss id-data li hija strettament rilevanti għat-twettiq tal-kompitu speċifiku tagħhom.

---

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.

---

[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.

Or. en

Emenda 51
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) ***"Huwa meħtieġ ukoll li jiġu introdotti*** dispożizzjonijiet ***li jiżguraw*** il-funzjonament ta' dik is-sistema ***fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25]*** u ***2019/818[26] tal-Parlament Ewropew*** u ***tal-***	(5a) ***"Wara l-adozzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25] u 2019/818[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. jistgħu jitqiesu meħtieġa*** dispożizzjonijiet ***biex jiġi żgurat*** il-funzjonament ta' dik is-sistema***.***

Kunsill.	***F'dak ir-rigward, huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li l-prinċipji tal-proporzjonalità u n-neċessità jiġu rispettati, u li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-korpi tal-Unjoni jkomplu jkunu jistgħu jaraw biss id-data li hija rilevanti għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi tagħhom, anke jekk id-data tkun aċċessibbli permezz ta' bażijiet tad-data differenti.***
[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.	[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.
[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.	[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.

Or. en

Emenda 52
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) "Huwa meħtieġ ukoll li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament ta' dik is-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817 u 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	(5a) "Huwa meħtieġ ukoll li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament ta' dik is-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817 u 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, filwaqt li jiġi żgurat li d-drittijiet ta' l-aċċess għall-awtoritajiet rilevanti jibqgħu regolati mill-istrumenti legali sottostanti***.
[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.	[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.
[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.	[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.

Or. en

Emenda 53
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5b) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jistgħu jinkwadraw l-aċċess tal-unitajiet nazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u tal-awtoritajiet kompetenti tal-viża għall-Eurodac skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1240 u (KE) 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	***imħassar***

---

[27] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71.

[28] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS), ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60-81.

Or. en

Emenda 54
Roberta Metsola, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5ba (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5ba) Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], jeħtieġ ukoll li l-korp permanenti tal-

Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u t-timijiet ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil ikollhom aċċess għall-Eurodac sabiex ifittxu data permezz tal-interfaċċa teknika tiegħu stess, li jenħtieġ li tiġi żviluppata u miżmuma mill-eu-LISA b'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil. L-esperjenza operazzjonali miksuba fl-iskjeramenti passati ta' persunal mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil turi d-diffikultajiet li kellhom il-membri tat-timijiet minn perspettiva ġuridika, teknika u prattika fl-użu ta' sistemi jew interfaċċi tal-IT nazzjonali biex ikollhom aċċess għall-Eurodac. Sabiex jimmassimizzaw l-appoġġ u l-kapaċità operazzjonali tagħhom, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu mill-kapaċitajiet tagħhom stess li jinkludu wkoll sistemi tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb.

Or. en

Emenda 55
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) Bl-istess mod, ***għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari,*** huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki ***bejn sistema u oħra*** bl-użu ta' data mill-Eurodac, ***tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.*** Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki ***bejn sistema u oħra***, jenħtieġ li l-	(5c) Bl-istess mod, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bl-użu ta' data mill-Eurodac, Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ***delegati***.

Kummissjoni tingħata setgħat ***ta' implimentazzjoni***. ***Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";***

Or. en

Emenda 56
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) Bl-istess mod, ***għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari,*** huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ***ta' implimentazzjoni***. ***Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";***	(5c) Bl-istess mod, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ***delegati***.

Or. en

Emenda 57
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) ***Bl-istess mod***, ***għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, huwa meħtieġ*** li eu-LISA ***titħalla*** tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";	(5c) ***Għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni***, ***u billi jiġi pprovduti statistiki utli lil dawk*** li ***jfasslu l-politika biex jiġi mħeġġeġ tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza,*** eu-LISA ***għandha tkun kapaċi*** tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";

Or. en

Emenda 58
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) Bl-istess mod, għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS ***u*** tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament	(5c) Bl-istess mod, għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS***,*** tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ***, tas-sistema ECRIS-TCN u tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen***. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta'

(UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";

implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";

Or. en

Emenda 59
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) Bl-istess mod, għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ***irregolari***, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";	(5c) Bl-istess mod, għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ***illegali***, huwa meħtieġ li eu-LISA titħalla tipproduċi statistiki bejn sistema u oħra bl-użu ta' data mill-Eurodac, tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, tal-ETIAS u tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";

Or. nl

Emenda 60
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 4 – Premessa 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 11:	***imħassar***
"Għal dan il-għan, jeħtieġ ukoll li fil-Eurodac jiġi mmarkat b'mod ċar il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida ma jkollha l-ebda dritt li tibqa' u ma tħallietx tibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil].";	

Or. en

Emenda 61
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 4 – Premessa 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 11:	
"Għal dan il-għan, jeħtieġ ukoll li fil-Eurodac jiġi mmarkat b'mod ċar il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida ma jkollha l-ebda dritt li tibqa' u ma tħallietx tibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil].";	***imħassar***

Or. en

Emenda 62
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 4 – Premessa 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11a) "Għal dan il-għan, jeħtieġ ukoll li fil-Eurodac jiġi mmarkat b'mod ċar il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda ***jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida ma jkollha l-ebda dritt li tibqa' u ma tħallietx tibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX*** [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].";	(11a) "Għal dan il-għan, jeħtieġ ukoll li fil-Eurodac jiġi mmarkat b'mod ċar il-fatt li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].";

Or. en

Emenda 63
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 4a (ġdid) – Premessa 13ab (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-Premessa 13a:
	(13ab) Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-korpi tal-Unjoni jkomplu jkunu jistgħu jaraw biss id-data li hija rilevanti għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi tagħhom, anke jekk is-settijiet tad-data jkunu marbuta f'sekwenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet proposti, flimkien mal-kategoriji l-ġodda ta' data personali pproċessata fil-Eurodac u l-lista fil-biċċa l-kbira estiża ta' awtoritajiet b'aċċess għad-data fil-kuntest tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, se jkollhom impatt sostanzjali fuq l-individwi kkonċernati. Sabiex jiġu mtaffija r-riskji addizzjonali u tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-miżura, hemm bżonn ta' salvagwardji xierqa u effettivi.

Emenda 64
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 5 – Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-UE, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 65
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 5 – Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-UE, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";	(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-UE, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda."; ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-korpi tal-Unjoni jkunu jistgħu jaraw biss id-data personali li tkun strettament rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, anke jekk id-data tkun marbuta f'sekwenza. Il-perjodu taż-żamma ta' kull sett ta' data mhuwiex affettwat. ";***

Or. en

Emenda 66
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 5 – Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll tal-migrazzjoni ***irregolari*** u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-UE, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";	(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll tal-migrazzjoni ***illegali*** u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-UE, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";

Or. nl

Emenda 67
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 5a (ġdid) – Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 19:
	(19a) Dan ir-regolament għandu jiġi applikat fir-rispett tal-aħjar interessi tat-tfal. Dan jinkludi l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u s-salvagwardji tad-drittijiet tat-tfal meta dan ir-Regolament jiġi applikat għal persuna li tiddikjara li hija tifel jew tifla jew, skont il-każ, persuna li dwarha hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li hija tifel jew tifla u ma jkun hemm l-ebda prova ta' sostenn dwar l-età disponibbli; fil-każ ta' inċertezza fir-rigward tal-età tat-tifel jew tifla, jenħtieġ li l-awtoritajiet jagħtu lill-individwu l-benefiċċju tad-dubju, b'tali mod li jekk ikun hemm possibbiltà li t-tifel jew tifla jkollhom inqas minn sitt snin

huma għandhom jiġu trattati bħala tali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-inklużjoni se tiżgura li t-tfal jiġu ttrattati skont l-ogħla livell ta' salvagwardji inklużi f'dan ir-Regolament, mingħajr ma tiżdied proċedura addizzjonali ta' valutazzjoni tal-età mar-Regolament. Il-valutazzjonijiet tal-età jaqgħu taħt Regolamenti rilevanti oħra, inkluż ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil.

Emenda 68
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 24:	***imħassar***
"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa mfakkar li persuna jenħtieġ li titqies li qed toqgħod illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jekk dik il-persuna ma tapplikax għal protezzjoni internazzjonali wara r-rilokazzjoni jew b'xi mod ieħor ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni.";	

Or. en

Emenda 69
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa mfakkar li persuna jenħtieġ li titqies li qed toqgħod illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jekk dik il-persuna ma tapplikax għal protezzjoni internazzjonali wara r-rilokazzjoni jew b'xi mod ieħor ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 70
Malin Björk

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24a) "Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa mfakkar li persuna jenħtieġ li titqies li qed toqgħod illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jekk dik il-persuna ma tapplikax għal protezzjoni internazzjonali wara r-rilokazzjoni jew b'xi mod ieħor ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 71
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6a (ġdid) – Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 27:
	(27a) fil-każ ta' data li għandha x'taqsam ma' tfal, it-trażmissjoni, il-ħżin jew it-tqabbil tad-data jeħtieġ li jsegwu objettiv ta' protezzjoni tat-tfal u jistgħu jseħħu biss f'konformità mal-obbligu li tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed recast Eurodac Regulation suggests processing of children's biometric data as young as six years of age to achieve the purposes set out in its Article 1, namely: applying the Dublin system, combating irregular immigration and fighting serious crime. To comply with Article 7 (respect for private and family life), Article 8 (protection of personal data) and Article 24 (the rights of the child) of the Charter, this measure can only be justified if it expressly pursues a child protection objective. More specifically, it should serve to protect child victims of trafficking and support the identification and protection of unaccompanied children who go missing, disappear or abscond, as the European Commission highlighted in its explanatory memorandum accompanying the proposed recast Eurodac Regulation

Emenda 72
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6b (ġdid) – Premessa 30b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 30a:
	(30b) L-ebda tifel jew tifla ma għandhom jinżammu għal ebda raġuni, inkluż biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità tagħhom jew it-teħid tal-bijometrika tagħhom, indipendentement mill-età tagħhom u minn jekk mhumiex

akkumpanjati jew huma akkumpanjati mill-familji tagħhom. Jenħtieġ li dejjem jiġu implimentati alternattivi għad-detenzjoni bbażati fil-komunità u mingħajr kustodja meta jkunu kkonċernati t-tfal u l-familji tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to Article 37 of the UN Convention on the Rights of the Child, children may be deprived of liberty "only as a measure of last resort and for the shortest appropriate period of time". Regardless of the ground for detention, when interpreting Article 5 of the ECHR, the ECtHR held that the detention of children (whether accompanied by their parents or not) is arbitrary in facilities which are inadequate to cater for their specific needs.29 In light of human rights law development against immigration detention of children it is difficult to justify deprivation of liberty of a child to coerce him or her to give fingerprints or to take his/her facial image.

Emenda 73
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6c (ġdid) – Premessa 57a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6c) Il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 57:
	(57a ġdida) Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli jilħqu l-livell kif indikat fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-Kummissjoni b'relazzjoni ma' dan ir-Regolament , biex b'hekk eu-LISA tkun tista' tibda l-proċess ta' implimentazzjoni ladarba dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission proposal reads that eu-LISA is supposed to receive certain amount of budget for implementation of EURODAC Recast already in 2021, which is however not possible since

the recast legislative proposal has not yet entered into force, moreover, the negotiations on the proposal are still on a preliminary stage. This on its side triggers a risk that has been already highlighted by the European Court of Auditors (and, by the LIBE Committee in its Opinion on the eu-LISA 2019 Discharge) that the late adoption and entry into force of certain legislative acts created a significant difference between the actual timeline for their implementation compared with the timeline set by the Commission in the respective legislative financial statements. In this sense, the LIBE Opinion recommends the Commission to involve and consult the Agency at the earliest stage of preparation of relevant legislative proposals in order to improve the assumptions underpinning the financial planning and thereby improve alignment of budgetary planning with the timing of the related legal acts. Therefore, including the above suggested recital will avoid the situation that the Agency would have formally budget that cannot use since its availability is not in sync with the timing of the adoption of the legal proposal.

.

Emenda 74
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tgħin fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;	(b) tgħin***, bl-iskop ta' identifikazzjoni ta' movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi risistemati,*** fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 75
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi	***imħassar***

u persuni apolidi b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 76
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 77
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tgħin ***fil-kontroll*** tal-immigrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn ***illegali*** għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;	(c) tgħin ***fis-superviżjoni*** tal-immigrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn ***irregolari*** għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 78
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni ***irregolari*** lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;	(c) tgħin fil-kontroll tal-immigrazzjoni ***illegali*** lejn l-Unjoni u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji fl-Unjoni u fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali għad-determinazzjoni ta' miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;

Or. nl

Emenda 79
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) tipproteġi lit-tfal vittmi tat-traffikar ta' bnedmin u tidentifika u tipproteġi lit-tfal neqsin;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed recast Eurodac Regulation suggests processing of children's biometric data as young as six years of age to achieve the purposes set out in its Article 1, namely: applying the Dublin system, combating irregular immigration and fighting serious crime. To comply with Article 7 (respect for private and family life), Article 8 (protection of personal data) and Article 24 (the rights of the child) of the Charter, these measures can only be justified if it expressly pursues a child protection objective. More specifically, it should serve to protect child victims of trafficking and support the identification and protection of unaccompanied children who go missing, disappear or abscond, as the European Commission highlighted in its explanatory memorandum accompanying the proposed recast Eurodac Regulation.

Emenda 80
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-data bijometrika jew alfanumerika ma' dik maħżuna fis-Sistema Ċentrali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;	***imħassar***

Or. en

Emenda 81
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) tgħin fl-identifikazzjoni korretta tal-persuni rreġistrati fil-Eurodac skont il-kundizzjonijiet u għall-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/818 billi taħżen data tal-identità, data tad-dokument tal-ivvjaġġar u data bijometrika fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) stabbilit minn dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 82
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;	***imħassar***

Or. en

Emenda 83
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;	***imħassar***

Or. en

Emenda 84
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tappoġġa ***l-objettivi tas-Sistema*** Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation	(f) tappoġġa ***l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mas-Sistema*** Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information

System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;	and Authorisation System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;

Or. en

Emenda 85
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.	***imħassar***

Or. en

Emenda 86
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tappoġġa l-objettivi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.	***imħassar***

Or. en

Emenda 87
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tappoġġa ***l-objettivi tas-Sistema*** ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.	(g) tappoġġa ***l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mas-Sistema*** ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Or. en

Emenda 88
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) tiġbor statistika dwar persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali, dwar persuni li jaslu b'mod irregolari fl-Unjoni, dwar persuni żbarkati fl-Unjoni wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, dwar persuni li jaslu għall-finijiet ta' risistemazzjoni jew ammissjoni umanitarja, u dwar persuni mogħtija u rrifjutati protezzjoni internazzjonali sabiex jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni abbażi tal-evidenza.

Or. en

Emenda 89
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' data maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini***	2. ***Id-data bijometrika*** u data personali oħra ***miġbura għall-Eurodac*** jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss

f'bażijiet ta' data stabbiliti skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, id-data dwar marki tas-swaba' u data personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] .";

għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni].";

Or. en

Emenda 90
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tal-Eurodac ma għandhomx jirriżultaw f'diskriminazzjoni kontra persuni koperti bl-Artikoli 10, 13, 14 u 14a abbażi ta' sess u ġeneru, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.
	Dan ir-Regolament għandu jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwu, għall-protezzjoni tad-data personali, għall-ażil u għan-non-refoulement.
	Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal, lill-anzjani, lill-persuni b'diżabbiltà, lin-nisa tqal, lill-persuni vulnerabbli u lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali. L-aħjar

interessi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja meta jiġi implimentat dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 91
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali fi ħdan il-Eurodac minn awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jirriżultaw f'diskriminazzjoni kontra persuni koperti bl-Artikoli 10, 13, 14 u 14a abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali jew espressjoni tal-ġeneru.* ***Dan ir-Regolament għandu jirrispetta bis-shih id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwu, għall-protezzjoni tad-data personali, għall-ażil, għan-non-refoulement u għall-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament inuman jew degradanti. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal, lill-anzjani, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja.***

Or. en

Emenda 92
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwu u għall-protezzjoni tad-data personali. F'dak ir-rigward, l-ipproċessar ta' data personali ma għandux iwassal għal diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

Or. en

Emenda 93
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(a) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt (b)(iv)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-punt (b) tal-paragrafu 1, jiżdied il-punt (iv) li ġej:	***imħassar***
‘	
(iv) f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 14a(1), l-Istat Membru li jittrażmetti d-data personali lis-Sistema Ċentrali u lir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità u li jirċievi r-riżultati tat-tqabbil;";	
’	

Or. en

Emenda 94
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(a) (ġdid) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-punt li ġej (aa) jiddaħħal fil-paragrafu 1:
	(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li, wara l-proċedura ta' risistemazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali jew ir-[Regolament XXX/XXX], jaslu fit-territorju tal-Istat Membru ta' risistemazzjoni.

Or. en

Emenda 95
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti (p), (q) u (***r***) li ġejjin:	(b) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti (p), (q)***, (r)*** u (***ra***) li ġejjin:

Or. en

Emenda 96
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "CIR" tfisser repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif definit fl-	(p) "CIR" tfisser repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif definit fl-

Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/818;	Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/818 ***li għandu jissostitwixxi s-sistema ċentrali tal-Eurodac sal-punt li jaħżen id-data personali msemmija fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 97
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "data tal-identità" tfisser id-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (f) u (h)***, l-Artikolu 13(2) minn (c) sa (f)*** u ***(h),*** l-Artikolu ***14***(2) ***minn (c) sa (f) u (h) u l-Artikolu 14a*** minn (c) sa (f) u (h);	(q) "data tal-identità" tfisser id-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (f) u (h) u l-Artikolu ***13***(2) minn (c) sa (f) u (h);

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tal-Artikoli 14 u 14a jeħtieġu bidliet korrispondenti fit-test kollu.

Emenda 98
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "data tal-identità" tfisser id-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (f) u (h), l-Artikolu 13(2) minn (c) sa (f) u (h), ***l-Artikolu 14(2) minn (c) sa (f) u (h)*** u l-Artikolu 14a minn (c) sa (f) u (h);	(q) "data tal-identità" tfisser id-data msemmija fl-Artikolu 12 minn (c) sa (f) u (h), l-Artikolu 13(2) minn (c) sa (f) u (h), u l-Artikolu 14a minn (c) sa (f) u (h);

Or. en

Emenda 99
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "sett ta' data" tfisser is-sett ta' informazzjoni rreġistrat fil-Eurodac fuq il-bażi tal-Artikoli 12***, 13, 14*** jew ***14a***, li jikkorrispondi għal sett wieħed ta' marki tas-swaba' ta' suġġett tad-data u magħmul minn data bijometrika***, data alfanumerika*** u***, fejn disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar***.";	(r) "sett ta' data" tfisser is-sett ta' informazzjoni rreġistrat fil-Eurodac fuq il-bażi tal-Artikoli 12 jew ***13***, li jikkorrispondi għal sett wieħed ta' marki tas-swaba' ta' suġġett tad-data u magħmul minn data bijometrika u ***data alfanumerika***.";

Or. en

Emenda 100
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "sett ta' data" tfisser is-sett ta' informazzjoni rreġistrat fil-Eurodac fuq il-bażi tal-Artikoli 12***, 13***, ***14*** jew 14a, li jikkorrispondi għal sett wieħed ta' marki tas-swaba' ta' suġġett tad-data u magħmul minn data bijometrika***, data alfanumerika*** u***, fejn disponibbli, kopja bil-kulur skennjata ta' dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar***.";	(r) "sett ta' data" tfisser is-sett ta' informazzjoni rreġistrat fil-Eurodac fuq il-bażi tal-Artikoli 12 , ***13*** jew 14a, li jikkorrispondi għal sett wieħed ta' marki tas-swaba' ta' suġġett tad-data u magħmul minn data bijometrika u ***data alfanumerika***.";

Or. en

Emenda 101
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10(b) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ra) "tfal" tfisser kull bniedem taħt it-tmintax-il sena kif definit fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif adottata u miftuħa għall-iffirmar, ir-ratifika u l-adeżjoni bir-riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali tal-20 ta' Novembru 1989 u li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990.

Or. en

Emenda 102
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2019/818;	(c) repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2019/818 ***li għandu jissostitwixxi s-Sistema Ċentrali sal-punt li jaħżen id-data personali msemmija fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 103
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-CIR għandu jkun fih id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), ***fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h),*** u ***(i), fl-Artikolu 14***(2) minn (a) sa (f), (h) ***u (i) u fl-Artikolu 14a minn (a)***	2. Is-CIR għandu jkun fih id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), u ***l-Artikolu 13***(2) minn (a) sa (f), (h), u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema

sa (f), ***(h)*** u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.	Ċentrali.

Or. en

Emenda 104
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-CIR għandu jkun fih id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), fl-Artikolu 14(2) minn (a) sa (f), (h) u (i) u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.	2. Is-CIR għandu jkun fih id-data ***personali*** msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), fl-Artikolu 14(2) minn (a) sa (f), (h) u (i) u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.

Or. en

Emenda 105
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-CIR għandu jkun fih id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), ***fl-Artikolu 14(2) minn (a) sa (f), (h) u (i)*** u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.	2. Is-CIR għandu jkun fih id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac ***elenkata fl-Artikoli 12, 13 u 14a*** għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.

Or. en

Emenda 106
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull Stat Membru għandu jkollu Punt ta' Aċċess Nazzjonali wieħed. ***Europol għandu jkollu punt ta' aċċess tal-Europol wieħed.***	4. Kull Stat Membru għandu jkollu Punt ta' Aċċess Nazzjonali wieħed.

Or. en

Emenda 107
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data dwar persuni koperti bl-Artikoli 10(1), 13(1), 14(1) u 14a(1) li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.	5. Id-data ***bijometrika*** dwar persuni koperti bl-Artikoli 10(1), 13(1), 14(1) u 14a(1) li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2018/1725 jew id-Direttiva (UE) 2016/680 skont kif xieraq u għandha tiġi*** separata b'mezzi tekniċi xierqa.

Or. en

Emenda 108
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data dwar persuni koperti bl-Artikoli 10(1)***, 13(1), 14(1)*** u ***14a***(1) li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.	5. Id-data dwar persuni koperti bl-Artikoli 10(1) u ***13***(1)**,** li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.

Or. en

Emenda 109
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett ***tad-data*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' marki tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet ***tad-data*** fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. ***Jekk ikun meħtieġ***, it-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba' f'konformità mal-Artikolu 26. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.	6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett ***ta' data*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' marki tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet ***ta' data*** fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. ***Il-konnessjoni tas-settijiet tad-data ma għandha fl-ebda ċirkostanza ttawwal il-ħżin tad-data msemmi fl-Artikoli 17 u 18 ta' dan ir-Regolament lil hinn mill-perjodu preskritt għal kull sett speċifiku ta' data***, ***li ma jistax jaqbeż il-ħames snin mid-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika għall-ewwel darba. L-eżistenza ta' konnessjoni għandha titħassar immedjatament mis-CIR u s-Sistema Ċentrali ladarba d-data relatata mas-suġġett tad-data titħassar mill-***

Eurodac. It-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba' f'konformità mal-Artikolu 26. ***Jekk ma jkun hemm l-ebda ċertezza dwar ir-riżultat miksub, il-marġni ta' apprezzament għandu dejjem ikun ta' benefiċċju għall-applikant .*** Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni. ***Il-konnessjoni ma timmodifikax l-aċċess għad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-aġenziji u l-korpi tal-UE kif previst b'dan ir-Regolament, li għandu jkun limitat sal-punt li d-data tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom f'konformità ma' dawk il-finijiet, u tkun proporzjonata mal-objettivi segwiti.***

Or. en

Emenda 110
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett ***tad-data*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' marki tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet ***tad-data*** fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. ***Jekk ikun meħtieġ,*** it-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba' f'konformità	6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett ta' data ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' marki tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet ta' data fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. It-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba' f'konformità mal-Artikolu 26. Meta

mal-Artikolu 26. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.	l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni. ***Il-konnessjoni tas-settijiet ta' data ma għandha fl-ebda ċirkostanza ttawwal il-ħżin tad-data msemmi fl-Artikoli 17 u 18 ta' dan ir-Regolament lil hinn mill-perjodu preskritt għal kull sett speċifiku ta' data, li ma jistax jaqbeż il-ħames snin mid-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika għall-ewwel darba. L-eżistenza ta' konnessjoni għandha titħassar awtomatikament ladarba r-reġistrazzjoni tkun tħassret u m'għandhiex tkun viżibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew għall-korpi tal-UE. Meta l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-korpi tal-UE jfittxu fis-CIR jew fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac, dawn għandu jkollhom biss id-dritt ta' aċċess għad-data strettament neċessarja għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi tagħhom anke jekk dawk ikunu konnessi ma' rekords oħra fis-sekwenza.***

Or. en

Emenda 111
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett ***tad-data*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' marki tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac	6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett ta' data ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' marki tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac

għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet ***tad-data*** fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. ***Jekk*** ikun ***meħtieġ***, it-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba' f'konformità mal-Artikolu 26. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.

għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet ta' data fuq il-bażi tat-tqabbil tal-marki tas-swaba'. ***Madankollu, l-aċċess tagħha kemm mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri kif ukoll mill-aġenziji awtorizzati tal-Unjoni Ewropea jrid ikun regolat b'mod strett, sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt ta' persuna għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data. Għalhekk, tali aċċess għandu, jiġifieri, ikun limitat fiż-żmien u ristrett għad-data rilevanti għat-twettiq speċifiku ħafna tal-kompiti tagħhom. Barra minn hekk, f'każ ta' kwalunkwe dubju***, it-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba' f'konformità mal-Artikolu 26***. Meta sett ta' data rreġistrat fil-Eurodac jitħassar, l-eżistenza ta' konnessjoni għal dak is-sett ta' data għandha titħassar awtomatikament ukoll*** . Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.

Or. en

Emenda 112
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Yana Toom

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Fil-każ ta' minorenni, huma biss l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi responsabbli għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tat-traffikar tat-tfal kif ukoll il-Europol li għandhom ikunu jistgħu jiksbu aċċess għall-Eurodac għall-fini tal-protezzjoni tat-tfal vittmi tat-traffikar ta' bnedmin. Il-kwistjoni dwar jekk l-aċċess ġenerali għall-infurzar tal-liġi skont l-Artikolu 1(1)(d) għall-Eurodac għal tfal taħt l-età ta' 14-il sena huwiex proporzjonat għandha tiġi vvalutata

abbażi ta' evidenza addizzjonali tar-rilevanza ta' din id-data għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità serja oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed recast Eurodac Regulation suggests processing of children's biometric data as young as six years of age to achieve the purposes set out in its Article 1, namely: applying the Dublin system, combating irregular immigration and fighting serious crime. To comply with Article 7 (respect for private and family life), Article 8 (protection of personal data) and Article 24 (the rights of the child) of the Charter, this measure can only be justified if it expressly pursues a child protection objective. More specifically, it should serve to protect child victims of trafficking and support the identification and protection of unaccompanied children who go missing, disappear or abscond, as the European Commission highlighted in its explanatory memorandum accompanying the proposed recast Eurodac Regulation

Emenda 113
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Ir-regoli li jirregolaw il-Eurodac għandhom japplikaw ukoll għal operazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni tad-data lejn is-Sistema Ċentrali sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.";	7. Ir-regoli li jirregolaw il-Eurodac għandhom japplikaw ukoll għal operazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni tad-data lejn is-Sistema Ċentrali ***jew is-CIR*** sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.";

Or. en

Emenda 114
Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Yana Toom

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11a (ġdid) – Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit

b'dan li ġej:

1. Qabel il-bidu tal-użu operazzjonali tas-sistema modifikata tal-Eurodac, il-qafas tas-sigurtà għall-ambjent kummerċjali u tekniku tal-Eurodac irid jiġi aġġornat kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 33 tal-EUDPR[1a]. L-Aġenzija, eu-LISA, għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operazzjonali tal-Eurodac.

[1a] Artikolu 33, ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-Eurodac u l-ħżin ta' data bijometrika, flimkien ma' data ta' identifikazzjoni oħra u kopji bil-kulur ta' dokumenti tal-identità, iżidu b'mod sinifikanti r-riskji f'każ ta' ksur ta' data jew inċidenti oħra ta' sigurtà.

Emenda 115
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Artikolu 8 a	***imħassar***
Interoperabbiltà mal-ETIAS	
1. Minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], is-Sistema Ċentrali tal-Eurodac għandha tiġi konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818 biex jiġi permess l-ipproċessar	

awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240.

2. L-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.

Għall-fini tat-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-portal Ewropew tat-tfittxija biex tqabbel data fl-ETIAS ma' data fil-Eurodac miġbura fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13, 14 u 14a ta' dan ir-Regolament li tikkorrispondi għal individwi li jkunu telqu jew tneħħew mit-territorju ta' Stati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija u bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240.

Or. en

Emenda 116
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], ***is-Sistema Ċentrali*** tal-Eurodac ***għandha tiġi konnessa*** mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ***11*** tar-Regolament (UE) 2018/1240.	1. Minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], ***il-komponent*** tal-Eurodac ***tas-CIR għandu jiġi konness*** mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ***20*** tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Or. en

Emenda 117
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 8a paragrafu 2 – subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ***11*** tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.	2. L-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ***20*** tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 118
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8a paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-portal Ewropew tat-tfittxija biex tqabbel data fl-ETIAS ma' data fil-Eurodac miġbura fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13***,*** ***14*** u 14a ta' dan ir-Regolament ***li tikkorrispondi għal individwi*** li ***jkunu telqu jew tneħħew mit-territorju ta' Stati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija u*** bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella fl-Anness ***II*** ta' dan ir-Regolament.	Għall-fini tat-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-portal Ewropew tat-tfittxija biex tqabbel data fl-ETIAS ma' data fil-Eurodac miġbura fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13 u 14a ta' dan ir-Regolament***,*** ***f'format*** li ***jinqara biss*** bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella fl-Anness ***II*** ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 119
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8b	***imħassar***
Kundizzjonijiet tal-aċċess għall-Eurodac għall-ipproċessar manwali mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS	
1. Il-konsultazzjoni tal-Eurodac mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandha ssir permezz tal-istess data alfanumerika bħal dik użata għall-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 8a.	
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(f), l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jikkonsultawh, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13, 14 u 14a.	
3. Wara konsultazzjoni u aċċess skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu r-riżultat tal-valutazzjoni għandu jiġi rreġistrat biss fil-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS.	

Or. en

Emenda 120
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(f),***	2. ***L-Unitajiet*** Nazzjonali tal-ETIAS

l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jikkonsultawh, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13, 14 u 14a.

għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jikkonsultawh, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13, 14 u 14a.

Or. en

Emenda 121
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(f), l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess ***għall-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jikkonsultawh,*** f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13***, 14*** u 14a.	2. Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(f), l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess ***temporanju biex jikkonsultaw il-Eurodac*** f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13 u 14a.

Or. en

Emenda 122
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8c	***imħassar***

Aċċess għall-Eurodac mill-awtoritajiet kompetenti tal-viża

Għall-fini ta' verifika manwali tal-hits skattati mit-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont l-Artikoli [9a u 9c] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-eżami u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal viża skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac biex jikkonsultaw id-data f'format li jinqara biss.

---

[30] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1-58.

Or. en

Emenda 123
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini ta' verifika manwali tal-hits skattati mit-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont l-Artikoli [9a u 9c] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-eżami u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal viża skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac biex jikkonsultaw id-data f'format li jinqara biss.	Għall-fini ta' verifika manwali tal-hits skattati mit-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont l-Artikoli [9a u 9c] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-eżami u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal viża skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[30a]***, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess ***temporanju*** għall-Eurodac biex jikkonsultaw id-data f'format li jinqara biss.

[30] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1-58.

[30a] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1-58.

Or. en

Emenda 124
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8d	***imħassar***
Interoperabbiltà mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża	
Minn [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jemenda r-Regolament dwar il-VIS], kif previst fl-Artikolu [9] ta' dak ir-Regolament, il-Eurodac għandha tkun konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 sabiex jiġi ffaċilitat il-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu [9a] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 għat-tfittxija fil-Eurodac u d-data rilevanti fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tkun tista' titqabbel mad-data rilevanti fil-Eurodac. Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament 767/2008.";	

Or. en

Emenda 125
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jemenda r-Regolament dwar il-VIS], kif previst fl-Artikolu [9] ta' dak ir-Regolament, il-Eurodac għandha tkun konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 sabiex jiġi ffaċilitat il-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu [9a] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 għat-tfittxija fil-Eurodac u d-data rilevanti fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tkun tista' titqabbel mad-data rilevanti fil-Eurodac. Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament 767/2008.";	Minn [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jemenda r-Regolament dwar il-VIS], kif previst fl-Artikolu [9] ta' dak ir-Regolament, il-Eurodac għandha tkun konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 sabiex jiġi ffaċilitat il-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu [9a] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 ***u għalhekk*** għat-tfittxija fil-Eurodac u d-data rilevanti fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tkun tista' titqabbel mad-data rilevanti fil-Eurodac. Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament 767/2008.";

Or. en

Emenda 126
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont l-Artikolu 12(***za***);	(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont l-Artikolu 12(***x***);

Or. en

Emenda 127
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1), 13(1), 14(1) u 14a(1);	(c) l-għadd ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1), 13(1) ***sakemm dawn il-persuni ma jkunux koperti mis-settijiet ta' data msemmija fl-Artikoli 10(1)***, 14***(1), sakemm dawn il-persuni ma jkunux koperti minn settijiet ta' data msemmija fl-Artikoli 10***(1) u 14a(1);

Or. en

Emenda 128
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1)***, 13(1), 14(1)*** u ***14a***(1);	(c) l-għadd ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija fl-Artikoli 10(1) u ***13***(1);

Or. en

Emenda 129
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta persuna tasal fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara l-konferma mill-Istat Membru tar-rilokazzjoni biex il-persuna kkonċernata tiġi rilokata skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], dak l-	2. Meta persuna tasal fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara l-konferma mill-Istat Membru tar-rilokazzjoni biex il-persuna kkonċernata tiġi rilokata skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], dak l-

Istat Membru għandu jibgħat sett ta' data rreġistrat skont ***l-Artikoli*** 12 ***jew 14*** ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tal-persuna. Is-sett ta' data għandu jinħażen f'konformità mal-Artikolu 17(1) għall-fini tat-trażmissjoni skont l-Artikoli 15 u 16.";	Istat Membru għandu jibgħat sett ta' data rreġistrat skont ***l-Artikolu*** 12 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tal-persuna. Is-sett ta' data għandu jinħażen f'konformità mal-Artikolu 17(1) għall-fini tat-trażmissjoni skont l-Artikoli 15 u 16.";

Or. en

Emenda 248
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 20 – Artikolu 14b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta persuna tasal fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara l-konferma mill-Istat Membru tar-rilokazzjoni biex il-persuna kkonċernata tiġi rilokata skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], dak l-Istat Membru għandu jibgħat sett ta' data rreġistrat skont ***l-Artikoli*** 12 ***jew 14*** ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tal-persuna. Is-sett ta' data għandu jinħażen f'konformità mal-Artikolu 17(1) għall-fini tat-trażmissjoni skont l-Artikoli 15 u 16.";	2. Meta persuna tasal fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara l-konferma mill-Istat Membru tar-rilokazzjoni biex il-persuna kkonċernata tiġi rilokata skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], dak l-Istat Membru għandu jibgħat sett ta' data rreġistrat skont ***l-Artikolu*** 12 ta' dan ir-Regolament relatat mal-persuna kkonċernata u għandu jinkludi d-data tal-wasla tal-persuna. Is-sett ta' data għandu jinħażen f'konformità mal-Artikolu 17(1) għall-fini tat-trażmissjoni skont l-Artikoli 15 u 16.";

Or. en

Emenda 249
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 21(a) – Artikolu 17 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddaħħal il-paragrafu 3 a li ġej:	***imħassar***
‘	
3a. "Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 14a(1), kull sett ta' data relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq għal ħames snin mid-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika.";	
’	

Or. en

Emenda 250
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 21(a) – Artikolu 17 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. "Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 14a(1), kull sett ta' data relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR ***kif xieraq*** għal ħames snin mid-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika.";	3a. "Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 14a(1), kull sett ta' data relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR għal ħames snin mid-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika ***għall-ewwel darba***.";

Or. en

Emenda 251
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 21(aa) (ġdid)– Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:
	'1a. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 12a, kull sett ta' data relatat ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali għal ħames snin mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki tas-swaba'.

Or. en

Emenda 252
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 21(b) – Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "Hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma tad-data msemmi fil-paragrafi minn (1) sa (3a) ta' dan l-Artikolu, id-data tas-suġġetti tad-data għandha titħassar mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR ***kif xieraq***.";	(4) "Hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma tad-data msemmi fil-paragrafi minn (1) sa (3a) ta' dan l-Artikolu, id-data tas-suġġetti tad-data għandha titħassar mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR.";

Or. en

Emenda 253
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali għal persuna li d-data dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 12, għandu jimmarka d-data rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) ***u 1(1)(b)***, l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali għal persuna li d-data dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 12 ***jew 12a***, għandu jimmarka d-data rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-

Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), ***13***(***1***)***, 14(1),*** jew ***14a***(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet ***tad-data*** korrispondenti.	komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) ***u 17(1a)*** għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), ***12***(***b***) jew ***13***(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet ***ta' data*** korrispondenti.

Or. en

Emenda 254
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali għal persuna li d-data dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR ***kif xieraq*** skont l-Artikolu 12, għandu jimmarka d-data rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1)***, 14(1),*** jew 14a(1).	1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali għal persuna li d-data dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR skont l-Artikolu 12, għandu jimmarka d-data rilevanti skont ir-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1) jew 14a(1). Dawk l-

Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.	Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.

Or. en

Emenda 255
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq u mmarkata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***għandha ssir*** disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)d ***sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 17(4)***.	2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq u mmarkata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***ma għandhiex issir*** disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d). ***Is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament timblokka tali data milli tiġi trażmessa fil-każ ta' talba għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d), filwaqt li tħalli dik id-data disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) sal-punt tat-tħassir tagħhom. Data mblukkata ma għandhiex tiġi trażmessa, u s-Sistema Ċentrali għandha tagħti riżultat negattiv lill-Istat Membru rikjedenti fil-każ ta' hit.***

Or. en

Emenda 256
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR ***kif xieraq*** u	2. Id-data dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata

mmarkata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)d sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 17(4).	skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)***(***d***)*** sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 17(4).

Or. en

Emenda 257
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jneħħi l-marka fuq data li tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li d-data tagħhom kienet ġiet preċedentement immarkata taħt il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jekk l-istatus tagħhom ġie revokat ***skont l-Artikoli 14*** jew ***20 tar-Regolament Nru (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika]***.	3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jneħħi l-marka fuq data ***jew jiżblokka data*** li tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li d-data tagħhom kienet ġiet preċedentement immarkata ***jew żblokkata*** taħt il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jekk l-istatus tagħhom ġie revokat ***jew intemm*** jew ***it-tiġdid tal-istatus tagħhom ġie rifjutat taħt [l-Artikoli 14 jew 19 tad-Direttiva 2011/95/UE]***.

Or. en

Emenda 258
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) ***u (c)***, l-Istat Membru ta' oriġini li ħareġ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 13 (2) u	4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li ħareġ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 13 (2) u

14(2) ***jew lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 14a(2)*** għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2) (3) u (3a) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu10(1)***, 13(1), 14(1),*** jew ***14a***(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.	14(2) għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2) (3) u (3a) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) jew ***l-Artikolu 13***(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.

Or. en

Emenda 259
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) ***u (c)***, l-Istat Membru ta' oriġini li ħareġ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ***b'soġġorn illegali*** li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 13 ***(2) u 14***(2) jew lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-	4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li ħareġ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 13(2) jew lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 14a(2) għandu jimmarka d-data

Artikolu 14a(2) għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2) ***(3)*** u (3a) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija ***fl-Artikolu***10(1), 13(1)***, 14(1),*** jew 14a(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.	rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2) u (3a) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija ***fl-Artikoli*** 10(1), 13(1) jew 14a(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.

Or. en

Emenda 260
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) u (c), l-Istat Membru ta' oriġini li ħareġ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn ***illegali*** li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 13 (2) u 14(2) jew lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 14a(2) għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2)	4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) u (c), l-Istat Membru ta' oriġini li ħareġ dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn ***irregolari*** li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 13 (2) u 14(2) jew lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ li d-data tagħhom kienet ġiet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR kif xieraq skont l-Artikolu 14a(2) għandu jimmarka d-data rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti tal-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita mill-eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali

(3) u (3a) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu10(1), 13(1), 14(1), jew 14a(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.	konformement mal-Artikolu 17(2) (3) u (3a) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-data minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1), 13(1), 14(1), jew 14a(1). Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti.

Or. en

Emenda 261
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi b'soġġorn illegali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ***għandha*** tkun disponibbli ***għall-paragun*** għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d) ***sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR skont l-Artikolu 17(4)***.	5. Id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi b'soġġorn illegali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ***ma għandhiex*** tkun disponibbli ***għat-tqabbil*** għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d)***. Is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament timblokka tali data milli tiġi trażmessa f'każ ta' talba għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d), filwaqt li tħalli dik id-data disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) sal-punt tat-tħassir tagħha***. ***Data mblokkata ma għandhiex tiġi trażmessa, u s-Sistema Ċentrali għandha tagħti riżultat negattiv lill-Istat Membru rikjedenti fil-każ ta' hit.***

Or. en

Emenda 262
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ***b'soġġorn illegali*** maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-paragun għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d) sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR skont l-Artikolu 17(4).	5. Id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-paragun għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d) sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR skont l-Artikolu 17(4).

Or. en

Emenda 263
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 22 – Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi b'soġġorn ***illegali*** maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-paragun għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d) sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR skont l-Artikolu 17(4).	5. Id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi b'soġġorn ***irregolari*** maħżuna fis-Sistema Ċentrali u fis-CIR u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-paragun għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(d) sakemm tali data titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali u mis-CIR skont l-Artikolu 17(4).

Or. en

Emenda 264
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Artikolu 21 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
‘	
1a. "Meta l-awtoritajiet maħtura jikkonsultaw is-CIR f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament 2019/818, dawn ikunu jistgħu jaċċessaw il-Eurodac għall-konsultazzjoni skont il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu meta t-tweġiba riċevuta skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 tindika li d-data tkun maħżuna fil-Eurodac.	
";	

Or. en

Emenda 265
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 24 – Artikolu 22 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu 1 a li ġej:	***imħassar***
‘	
1a. "Meta l-Europol ikkonsultat is-CIR f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, hija tista' taċċessa l-Eurodac għal konsultazzjoni bil-kundizzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu meta t-tweġiba riċevuta skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2019/818 tindika li d-data hija maħżuna fil-Eurodac. ;	
’	

Or. en

Emenda 266
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 25 – Artikolu 28 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. L-aċċess għall-finijiet tal-konsultazzjoni tad-data tal-Eurodac maħżuna fis-CIR għandu jingħata lill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u lill-persunal debitament awtorizzat tal-korpi tal-Unjoni li jkun kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2019/818. Dan l-aċċess għandu jkun limitat sal-punt neċessarju għat-twettiq tal-kompiti ta' dawn l-awtoritajiet nazzjonali u tal-korpi tal-Unjoni f'konformità ma' dawn il-finijiet, u għandu jkun proporzjonat għall-għanijiet li jridu jintlaħqu.";	3a. L-aċċess għall-finijiet tal-konsultazzjoni tad-data tal-Eurodac maħżuna fis-CIR għandu jingħata lill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti*** ta' kull Stat Membru u lill-persunal debitament awtorizzat tal-korpi tal-Unjoni li jkun kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2019/818. Dan l-aċċess għandu jkun limitat sal-punt neċessarju għat-twettiq tal-kompiti ta' dawn l-awtoritajiet nazzjonali u tal-korpi tal-Unjoni f'konformità ma' dawn il-finijiet, u għandu jkun proporzjonat għall-għanijiet li jridu jintlaħqu.";

Or. en

Emenda 267
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 26a (ġdid) – Artikolu 30 – paragrafu 1 – punti ca u cb (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fl-Artikolu 30(1), jiddaħħlu l-punti (ca) u (cb) li ġejjin:
	(ca) il-possibbiltà li jkollu/jkollha s-settijiet ta data tiegħu/tagħha rreġistrati fil-Eurodac illinkjati kollha f'sekwenza, f'konformità mal-Artikolu 4(6);
	(cb) il-ħżin fis-sistema ta' marka ta' sigurtà li tindika l-fatt li l-persuna tista' tkun ta' theddida għas-sigurtà interna

skont l-Artikoli 12(v), 13(2)(r), 14(2)(s) u 14a(2)(r), inkluża l-awtorità kompetenti li wettqet il-kontroll tas-sigurtà u dik, jekk differenti, li għamlet il-valutazzjoni, ir-raġunament għall-introduzzjoni ta' marka ta' sigurtà u l-indikazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni li ġġenerat konkordanza, għall-fini li jiġu żgurati d-drittijiet tagħhom ta' aċċess għal rettifika, tlestija, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data u d-dritt għal rimedju effettiv;

Or. en

Emenda 268
Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Yana Toom

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 26a (ġdid) – Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 34(1) huwa emendat kif ġej:
	1. L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom, filwaqt li kull wieħed minnhom jaġixxi fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, jikkooperaw attivament fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħhom u għandhom jiżguraw sorveljanza kkoordinata tal-Eurodac; għandu jiġi applikat mudell uniku ta' superviżjoni koordinata, kif previst fl-Artikolu 62 EUDPR, li jirreferi għal operazzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet superviżorji[1a]
	[1a] Artikolu 62, ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta'

tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-superviżjoni indipendenti tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data fil-Eurodac, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak nazzjonali, hija waħda mill-garanziji ewlenin għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-allinjament tas-superviżjoni koordinata tal-Eurodac mal-mudell applikat mis-sistemi l-oħra tal-IT fuq skala kbira huwa partikolarment importanti fid-dawl tal-interoperabbiltà tad-diversi sistemi fil-qasam tal-ĠAI.

Emenda 269
Saskia Bricmont

Proposta' għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40a(1) – Artikolu 11 – paragrafu 6a – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kunjom (isem il-familja), il-kunjom tat-twelid, l-ewwel isem/ismijiet (l-isem/ismijiet mogħti(ja), id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, ***is-sess***, in-nazzjonalità attwali;	(a) il-kunjom (isem il-familja), il-kunjom tat-twelid, l-ewwel isem/ismijiet (l-isem/ismijiet mogħti(ja), id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, ***il-ġeneru***, in-nazzjonalità attwali;

Or. en

Emenda 270
Isabel Santos

Proposta' għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40a(1) – Artikolu 11 – paragrafu 6a – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kunjom (isem il-familja), il-kunjom tat-twelid, l-ewwel isem/ismijiet (l-isem/ismijiet mogħti(ja), id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, ***is-sess***, in-nazzjonalità	(a) il-kunjom (isem il-familja), il-kunjom tat-twelid, l-ewwel isem/ismijiet (l-isem/ismijiet mogħti(ja), id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, ***il-ġeneru***, in-nazzjonalità

attwali;	attwali;

Or. en

Emenda 271
Saskia Bricmont

Proposta' għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40a(2) – Artikolu 25a – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "l-Artikoli 12, 13***, 14*** u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].";	(e) "l-Artikoli 12, 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].";

Or. en

Emenda 272
Yana Toom, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld

Proposta' għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(2) – Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr ħsara ***għall-Artikolu*** 39 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], l-Artikoli 12 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1862, għall-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/816 u għall-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/794, l-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-data fl-ESP**.** Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:";	Mingħajr ħsara ***għall-Artikoli 38 u*** 39 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], l-Artikoli 12 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1862, għall-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/816 u għall-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/794, l-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-data fl-ESP ***f'konformità mal-Format Universali ta' Messaġġ (UMF)[1a].*** Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:";
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi

ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-UMF huwa kkunsidrat bħala l-istandard li għandu jintuża fl-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà; għalhekk, is-sistema l-ġdida tal-EURODAC għandha tkun konformi miegħu.

Emenda 273
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(4) – Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), l-Artikolu 13(2), il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i)***, l-Artikolu 14(2), il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i)*** u l-Artikolu 14a, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i) tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [ir-Regolament Eurodac];	a) id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), l-Artikolu 13(2), il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i) u l-Artikolu 14a, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i) tar-Regolament (UE) XXX/ XXX [ir-Regolament Eurodac];

Or. en

Emenda 274
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(10) – Artikolu 27 – paragrafu 11– punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) "is-sett ***tad-data*** huwa trażmess lill-Eurodac skont l-Artikoli 10, 13***, 14*** u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-	(aa) "is-sett ***ta' data*** huwa trażmess lill-Eurodac skont l-Artikoli 10, 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-

Regolament Eurodac];";	Regolament Eurodac];";

Or. en

Emenda 275
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(10) – Artikolu 27 – paragrafu 3 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) il-kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet u l-psewdonimi użati qabel; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u ***s-sess*** kif imsemmija fl-Artikolu minn 12 sa 14a tar-Regolament (EU) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac];";	(aa) il-kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet u l-psewdonimi użati qabel; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u ***l-ġeneru*** kif imsemmija fl-Artikolu minn 12 sa 14a tar-Regolament (EU) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac];";

Or. en

Emenda 276
Isabel Santos

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(10) – Artikolu 24 – paragrafu 10 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) il-kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet u l-psewdonimi użati qabel; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u ***s-sess*** kif imsemmija fl-Artikolu minn 12 sa 14a tar-Regolament (EU) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac];";	(aa) il-kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; l-isem/l-ismijiet tat-twelid, l-ismijiet u l-psewdonimi użati qabel; id-data tat-twelid, il-post tat-twelid, in-nazzjonalità(jiet) u ***il-ġeneru*** kif imsemmija fl-Artikolu minn 12 sa 14a tar-Regolament (EU) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac];";

Or. en

Emenda 277
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(13) – Artikolu 47 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Persuni li d-data tagħhom hija rreġistrata fil-Eurodac għandhom jiġu infurmati dwar l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 1 meta jiġi ***trasmess*** sett ta' data ġdid lill-Eurodac skont l-Artikoli 10, 12, 13***, 14*** u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].";	"Persuni li d-data tagħhom hija rreġistrata fil-Eurodac għandhom jiġu infurmati dwar l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 1 meta jiġi ***trażmess*** sett ta' data ġdid lill-Eurodac skont l-Artikoli 10, 12, 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].";

Or. en

Emenda 278
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(28) – Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, għall-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) 2016/794, ***għall-Artikoli*** 37 ***u 38*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] għall-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/2226, għall-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1240 u għal meta jsiru tfittxijiet fil-bażijiet tad-data tal-Interpol permezz tal-ESP skont l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725 u tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, id-data personali maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà, jew li dawn il-komponenti jipproċessaw jew li jaċċedu għaliha, m'għandhiex tiġi ttrasferita u ma	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, għall-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) 2016/794, ***għall-Artikolu*** 37 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] għall-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/2226, għall-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1240 u għal meta jsiru tfittxijiet fil-bażijiet tad-data tal-Interpol permezz tal-ESP skont l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725 u tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, id-data personali maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà, jew li dawn il-komponenti jipproċessaw jew li jaċċedu għaliha, m'għandhiex tiġi ttrasferita u ma

għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata.	għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata.

Or. en

Emenda 279
Malin Björk

Proposta' għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(28) – Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, għall-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) 2016/794***,*** għall-Artikolu 37 ***u 38*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] għall-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/2226, għall-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1240 u għal meta jsiru tfittxijiet fil-bażijiet tad-data tal-Interpol permezz tal-ESP skont l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725 u tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, id-data personali maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà, jew li dawn il-komponenti jipproċessaw jew li jaċċedu għaliha, m'għandhiex tiġi ttrasferita u ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, għall-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) 2016/794 ***u*** għall-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac] għall-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2017/2226, għall-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1240 u għal meta jsiru tfittxijiet fil-bażijiet tad-data tal-Interpol permezz tal-ESP skont l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725 u tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, id-data personali maħżuna fil-komponenti tal-interoperabbiltà, jew li dawn il-komponenti jipproċessaw jew li jaċċedu għaliha, m'għandhiex tiġi ttrasferita u ma għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ebda pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew parti privata.

Or. en

Emenda 280
Malin Björk

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(29) – Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41a	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) 182/2011.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
3. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.	

Or. en

Emenda 281
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 28 – Artikolu 40b(29) – Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41a	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) 182/2011.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
3. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex	

tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Or. en